

Brussell, 28 ta' Settembru 2018
(OR. en)

12616/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0163 (NLE)

EPPO 26
EUROJUST 127
CATS 68
FIN 734
COPEN 325
GAF 46
CSC 277

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12101/18	
Suġġett:	Abbozz ta' Dikjarazzjoni [Konġunta] tal-[Parlament Ewropew u] tal-Kunsill dwar il-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta msemmi hawn fuq, kif
adottat mill-Kunsill fis-27 ta' Settembru 2018.

Il-Kunsill ser jgħarraf lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni u ser jistiednu japprova l-abbozz ta'
Dikjarazzjoni Konġunta.

ABBOZZ

**DIKJARAZZJONI [KONĠUNTA] TAL-[PARLAMENT EWROPEW U] TAL-KUNSILL
DWAR IL-ĦATRA TAL-KAP PROSEKUTUR EWROPEW
TAL-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW**

Il-[Parlament Ewropew u] l-Kunsill jiddikjaraw [b'mod konġunt] li, f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2017/1939 (ir-Regolament dwar l-UPPE), huma għandhom jaħtru Kap Prosekutur Ewropew li jrid ikun kapaċi jikkompleta mandat ta' seba' snin li ma jiġġeddidx qabel ma jilħaq l-età tal-irtirar.

F'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 96(1) tar-Regolament dwar l-UPPE, il-Kap Prosekutur Ewropew għandu jinħatar bħala aġent temporanju tal-UPPE skont l-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS). F'konformità mal-Artikolu 47(a) tas-CEOS, l-età tal-irtirar hija *"fi tmiem ix-xahar li fihi il-ħaddiem jagħlaq l-età ta' 66 sena, jew, fejn applikabbli, fid-data stabbilita skont it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 52 tar-Regolamenti tal-Persunal"*. Dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu l-estensjoni tal-età tal-irtirar sal-età ta' 70 sena.

Sabiex tkun possibbli l-indipendenza tal-Kap Prosekutur Ewropew f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament dwar l-UPPE u sabiex l-akbar numru ta' kandidati li għandhom il-kwalifiki meħtieġa biex jeżerċitaw l-ogħla funzjonijiet ta' prosekuzzjoni jew ġudizzjarji fil-pajjiżi rispettivi tagħhom jikkompletaw il-mandat ta' seba' snin qabel ma jilhq u l-età tal-irtirar, il-[Parlament Ewropew u] il-Kunsill b'hekk jiddikjaraw li beħsiebhom, fid-deċiżjoni dwar il-ħatra li għandha tittieħed skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament dwar l-UPPE, jaħtru Kap Prosekutur Ewropew għal mandat sħiħ ta' seba' snin. L-estensjonijiet tal-età tal-irtirar li jistgħu eventwalment ikunu meħtieġa sal-età ta' 70 sena ser jitqiesu bħala mogħtija. Għaldaqstant ser ikun neċessarju li jiġu adottati deċiżjonijiet sussegwenti biex tali estensjoni tingħata lil hinn mill-età ta' 66 sena kull sena, peress li tali deċiżjonijiet annwali mġedda jipperikolaw l-indipendenza tal-Kap Prosekutur Ewropew u jqiegħdu f'dubju t-tul sħiħ tal-mandat.

Il-[Parlament Ewropew u] l-Kunsill jilqgħu li l-Avviż ta' Post Battal għall-Kap Prosekutur Ewropew li għandu jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali jisspeċifika li l-kandidati għandhom ikunu kapaċi jikkompletaw il-mandat ta' seba' snin li ma jiġġeddidx qabel ma jilħqu l-età tal-irtirar, li mhijiex aktar tard mill-aħħar jum tax-xahar li fih il-Kap Prosekutur Ewropew jagħlaq 70 sena.
